**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Marzu, 2019**

**Rikors nru: 27/17 AGV**

AB li b' digriet tal- 14 ta' Frar 2017, il-kunjom B gie sostitwit bil-kunjom C
vs
DB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu permezz tar-Registru Pubbliku nhar is- 27 ta' Frar 2012, dan hekk kif jidher mill-anness certifikat immarkat bhala Dok NP 1.

2. Illi minn daz-zwieg twieldu zewgt itfal, E li twieldet nhar l-10 ta' Dicembru 2006 u F li twieldet nhar l- 24 ta' Dicembru 2013.

3. Illi l-partijiet isseperaw kontestwalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar il-redatt quddiem in-Nutar Dr Carmelo Gafa', kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK NP2.

4. Illi l-kunsens tal-intimat kien ivizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matromonjali jew fuq id-drittijiet u dmirjiet essenzjali taghha jew b' anomlija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif kontemplat fl-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-attrici.

6. Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis- 27 ta' Frar 2002, huwa dikjarat null u bla effett ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u sussegwentament taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f' dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-intimat, debitament notifikat, ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti minnhom;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza hija wahda ta’ dikjarazzjoni ta’ annullament ta’ zwieg. Fil-kawza l-konvenut naqas milli jipprezenta eccezzjonijiet entro t-terminu moghti lilu, u ghalhekk gie dikjarat kontumaci. Illi ghalhekk fil-kawza gew prodotti biss provi min-naha tal-attrici. L-attrici ressqet diversi xhieda u provi, li ebda minnhom ma gew kontradetti mill-konvenut. L-attrici xehdet quddiem l-Assistent Gudizzjarju u spjegat kif kienet iltaqghet mal-konvenut meta kellha biss erbatax-il sena. Missierha kien qalilha li D ma kienx affidabbli, u li kien jiehu d-droga, izda ma emmnitux, u kompliet bir-relazzjoni mieghu. Kienu jghixu flimkien ghand ommha u kellhom tarbija, izda darba sabet lit-tifla taghha, ta’ eta’ ta’ inqas minn sentejn, b’siringa f’idha u minn dakinhar waqqfet ir-relazzjoni u l-konvenut dahal programm ta’ rijabilitazzjoni. Wara li spicca l-programm, regghu bdew relazzjoni, u fil-fatt izzewwgu ftit wara fl-2012, izda wara tlitt xhur telaq mid-dar ghax kellu relazzjoni ma’ wahda Rumena, ghax qal li kien qed ihoss li l-hajja mizzewwga kienet tissikkah wisq. Madankollu, rega’ gie lura d-dar u accettatu, u ftit wara kellhom it-tieni tarbija. Xorta wahda baqa’ jghix hajja ta’ ‘parties’ u ta’ infiq ta’ flus, tant li l-attrici tghid li ma kellhiex bizzejjed biex tghajjex zewgt itfal. Meta t-tieni tarbija kellha ftit aktar minn sena, rega’ telaq mid-dar ghax kellu relazzjoni ohra. Wara din id-darba, huma ffirmaw il-kuntratt ta’ separazzjoni, u ma deherx aktar fil-hajja taghha u tat-tfal. Halla dejn warajh, u ma kienx ihallas manteniment. Minn dak iz-zmien, ma ratux aktar.

Ix-xhieda l-ohra xi ftit jew wisq jikkorroboraw din il-verzjoni ta’ fatti. Xehdet omm l-attrici, GC, li kkonfermat li bintha u l-konvenut kienu jghixu maghha anki qabel ma zzewwgu u kellhom l-ewwel tifla, u li l-konvenut kien ghamel programm ta’ rijabilitazzjoni mid-droga, u li kienet issib il-marki tal-hruq fuq il-

lozor tas-sodda taghhom u fuq is-saqqu fejn kienu jorqdu. Qalet li ndunat li beda jiehu l-flus taghha, u spiccat ittella' l-'handbag' taghha fuq fil-kamra tas-sodda, izda darba f'nofs ta' lejl qabditu jipprova jiehu l-flus mill-basket taghha f'kamritha stess. Hu ma kellux impieg fiss, u kull meta kien isib xoghol, kien jitlaq wara ftit, ghal xi raguni jew ohra. Qalet li hi kienet izzomm lilhom mill-flus taghha, u spiss kienet tixtri l-affarjiet ghalihom.

Xehdu wkoll rappresentanti tal-agenzija Caritas, li kkonfermaw li l-konvenut kien irrikorra ghall-ghinuna bejn l-2008 u l-2017, u li kien attenda u ghamel programm, u li xorta baqa' jabbuza mid-droga. Xehed l-Ispettur Leroy Balzan Engerer, li esebixxa tlitt rapport li saru lill-Pulizija minn AC u ommha.

Mill-istampa ta' dawn il-provi kollha, li kif gia' qalet il-Qorti, ma gewx kontradetti mill-konvenut, huwa ferm evidenti li ma kienx hemm il-maturita' u l-ghaqal necessarji ghaz-zwieg fil-imgieba tal-konvenut, possibilment minhabba l-fatt tal-abbuz tad-droga li kellu.

Il-ligi taghna taghti numru ta' xenarji differenti fejn iz-zwieg jista' jigi dikjarat null. L-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq **l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu jipprovdi hekk:

> *"19(1) B'zieda mal-kazijiet fejn iz-zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*
>
> > *(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;"*

Ghalhekk, il-kunsens ta' wahda mill-partijiet irid ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet taghha. Fi ftit kliem, dan ifisser li jrid ikun hemm nuqqas ta' fehma tal-obbligi fiz-zwieg. igifieri

Dan l-insenjament huwa mfisser sewwa hafna f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, moghtija fis-27 ta' Gunju, 2013, fil-kawza fl-ismijiet "AB v. CB" (Rik. Nru 309/2012RGM), l-Artikolu in dizamina kien gie mfisser hekk:

> "L-Artikolu 19(1)(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi illi zwieg huwa null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.
>
> "Dan l-Artikolu ghandu l-gheruq tieghu fil-Ligi Kanonika. Canone 1095 tal-Kodici Kanoniku tal-1983 jipprovdi illi –
>
> "The following are incapable of contracting marriage:
>
> i) those who lack the sufficient use of reason;
>
> ii) those who suffer from a grave defect of discretion of judgment concerning the essential matrimonial rights and duties mutually to be handed over and accepted;
>
> iii) those who are not able to assume the essential obligations of marriage for causes of psychic nature".
>
> "Biex tirnexxi l-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 jehtieg qabel xejn li l-attur jipprova:
>
> i) Il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat
>
> ii) B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju

iii) Fuq il-hajja mizzewga, jew

iv) Fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

"Minhabba li kif diga inghad l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 ghandu l-gheruq tieghu fil-Kodici Kanoniku spiss fil-gursprudenza nostrana rigwardanti kawzi dwar annullament taz-zwieg issir referenza ghall-gurisprudenza u awturi dwar id-dritt kanoniku rilevanti. Diskrezzjoni ta' gudizzju hija spiss riferuta fil-gurisprudenza bhala "*disretio judicii".*

"Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta. Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg civili tieghu minn mal-konvenuta. Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili. Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

"Proprju fl-ewwel artikoli ta' dan il-Kodici, intitolat "**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**" jinghad hekk:

> "Artikolu **2**. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.
>
> (2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.
>
> Artikolu **3**. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja"

“Ghalkemm mhux necessarjament li l-obbligi u d-drittijiet tal-mizzewgin fis-sagrament taz-zwieg taht il-Kodici Kanoniku huma identitci ghall-obbligi u d-drittijiet tal-mizzewgin kif kontemplat fil-Ligi Civili, huma xorta rilevanti xogholijiet u gurisprudenza dwar il-Kodici Kanoniku dwar dak li ghandu x’jaqsam mad-definizzjoni ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju u vizzju ta’ kunsens.

“Fix-xoghol tieghu “**The Nullity of Marriage for reason of insanity or lack of due discretion of judgment” Egan EM (1983)** jispjega illi d-diskrezzjoni ta’ gudizzju fir-rigward tal-kunsens ghaz-zwieg trid tkun proporzjonali ghaz-zwieg innifsu. **Gramunt u Wauck** fix-xoghol taghhom “**Moral certitude and the collaboration for the court expert in cases of consensual incapacity” (1986)** jispjegaw dwar id-diskrezzjoni ta’ gudizzju illi: “It requires more than what is necessary to take out a mortgage or enter into a business contract, enlist in military service, or be fit to stand trial, but not more than adults ordinarily possess”.

“**John L Young** fl-istudju tieghu intitolat “**Understanding Due Discretion of Judgment in Catholic Marriage Courts (1991)** ” ippubblikat fil-Journal of the American Academy of Psychiatry and the Law (Psychiatry Law, Vol. 19, No.2, 1991) jispjega illi “discretion of judgment…. Presumes having and duly exercising an ability to look well beyond the present moment in order to make a serious and lifelong pledge. This capacity is present in proportion to the individual’s ability to weigh and choose prudently, to accept good advice, to reason clearly, to learn from experience, to formulate sensible goals, and to display qualities of foresight, insight, circumspection, deliberation and appreciation.”

“Din id-dottrina hija riflessa fis-sentenza **“Atkins Charles vs. Atkins Matilde”** moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru 2003. Jinghad hekk:-

> "Il-kuncett ta' *discretio judicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi."

"Fil-kawza "**Melanie Borg Cachia vs. Joseph Borg**" deciza fid-29 ta' Mejju 2004 gie spjegat li d-difett fid-diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga. (Ara wkoll: **WT vs. KR** deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta' Gunju 2012; **John Micallef Engerer vs. Corinne Camilleri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2002."

Dan l-insenjament huwa wkoll segwit fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-22 ta' Novembru, 2012, fil-kawza fl-ismijiet "AB v. CD", (Rik. Nru 111/11AL).

Huwa importanti wkoll f'dan l-istadju li l-Qorti taghmel riferenza ghal insenjament iehor tal-Qrati taghna, u dan peress illi l-konvenut huwa kontumaci. Fil-kawza fl-ismijiet "HB v. SB", deciza fis-27 ta' Marzu, 2015, (Rik. Nru. 246/10RGM), il-Qorti kienet qalet hekk:

"In tema legali ghandu jinghad illi l-Qrati nostrani kostantement irritenew illi "F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha

daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju." ("**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" Qorti tal-Appell – 6/11/1991).

"L-attrici qed issejjes il-kawza minnha ntavolata fuq zewg sub-incizi tal-Artikolu 19 tal-Att dwar iz-Zwieg: Artikolu 19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikologika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieg. Artikolu 19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieg jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieg.

"Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża "**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**" (27/01/2006): "Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cjoe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega. Illi s-sub-inciż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieg ikun null jekk ikun affettwat b' anomalija psikologika serja u tagħmilha impossibbli għal

dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieg. Ta' min jenfasiżża hawn li l-ligi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikologika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux semplicement difficli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieg jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieg. Illi rigward id-dispożizzjoni kontenuta fis-sub-inciż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li ż-żewg partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewga jew id-dritt għall-att taż-żwieg u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jigi enfasiżżat li nullita' ta' żwieg bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieg minħabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewg kawżali toħrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieg li jkun hemm tali kapacita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali."

"Gie dikjarat illi "B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieg tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew oħra fiż-żwieg li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieg." **(Nicholas Agius v. Rita Agius).** Intqal ukoll illi "Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita'

psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." **(Mario Mizzi v. Maris Mizzi, Appell – 15/11/2005).**"

Dan necessarjament ifisser li l-Qorti xorta wahda trid taghmel apprezzament tal-provi mressqa mill-attrici biex tara kienx hemm il-vizzju tal-kunsens tal-konvenut qabel iz-zwieg, kif spjegat hawn fuq. Minn apprezzament tal-provi li ghamlet il-Qorti, jidher ferm evidenti li l-konvenut ma kienx lest jidhol ghall-impenn taz-zwieg, la ghall-fedelta', la ghall-manteniment effettiv u affettiv ta' martu u ta' uliedu, u lanqas ghall-element baziku tal-ko-abitazzjoni. Il-konvenut kien aktar mohhu fil-vizzju tad-droga li hakmet kull parti ta' hajtu milli f'li jippartecipa b'mod attiv fil-hajja konjugali li dahal ghaliha liberament, sahansitra wara li gia' kellu tarbija u wara li attenda ghall-programm ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga. Hija tassew hasra li l-attrici m'gharfitx il-beraq u s-sajjetti fuq ix-xefaq qabel ma dahlet ghall-hajja taz-zwieg, izda kultant isiru zbalji bhal dawn sforz it-tama ghamja li persuna ser tbiddel hajjitha ghall-ahjar. Il-Qorti hi ghalhekk oltre milli konvinta li l-konvenut kellu vizzju serju ta' diskrezzjoni ai termini tal-ligi.

Ghalhekk, tenut kont ta' dawn il-provi u c-cirkostanzi tal-kaz, il-Oorti ser tippronunzja ruhha favur l-ghoti tal-annullament taz-zwieg f'dan il-kaz.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attrici u ghaldaqstant tiddikjara z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fis-27 ta' Frar 2002 bhala null u bla effett, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**Imhallef**
**Onor. Anthony Vella**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**